# Jitħabbru l-protagonisti tal-Malta Jazz Festival 2013

## Spettaklu mużikali mit-18 sal-20 ta' Lulju f'Ta' Liesse

minn **Noel D'Anastas** – ndanastas@gmail.com

Matul il-ġimgħa li għaddiet, il-Kunsill Malti għall-Arti u l-Kultura ħabbar l-artisti li se jkunu fostna għat-23 edizzjoni tal-Malta Jazz Festival li se jinżamm bejn it-18 u l-20 ta' Lulju 2013.

Barra l-Malta Jazz Festival, il-Kunsill ta dettalji wkoll dwar il-*Jazz on the Fringe*, il-*Malta Summer Jazz Comp* u l-ewwel edizzjoni tal-*Malta Jazz Contest* li lkoll jawguraw tajjeb għal dan il-qasam mużikali.

Il-Malta Jazz Festival itella' s-siparju nhar il-Ħamis, 18 ta' Lulju, Ta' Liesse, fejn jilqa' lil Charles 'City' Gatt Vibraphone Quintett, Gerald Clayton Trio flimkien ma' Logan Richardson u Robert Glasper Experiment li għadu kemm rebaħ *Grammy Award* għall-aħjar R&B album 'Black Radio'.

L-għada l-Ġimgħa, idoqq il-kwartett ta' Walter Vella, Vijay Iyer Trio, u Gregory Porter. L-aħħar jum, is-Sibt 20 ta' Lulju, hu riservat għall-mużika lokali minn CUSP li fil-jumejn li għaddew daqq fil-*Music Room* tal-Kavallier ta' San Ġakbu, il-Belt. Fil-fatt, CUSP daqq xi arranġamenti u kompożizzjonijiet ġodda li mistennija jkunu rekordjati matul dan ix-xahar.

Il-kwartett ta' Gilad Hekselman u Michel Camilo Trio jġibu fit-tmiem l-edizzjoni ta' din is-sena.

Il-Malta Jazz Festival hu wieħed mill-avvenimenti mużikali annwali li d-dilettant tal-mużika jazz u ħafna oħrajn, inkluż il-bosta ammiraturi barranin, jattirahom mhux biss f'dak li joffri l-festival, iżda wkoll għax-xenarju li jinżamm fih.

Hu propju l-għan ta' dan il-Kunsill li jpoġġi lil Malta bħala parti miċ-ċirkwit prestiġjuż tal-jazz internazzjonali u jintroduċi lill-udjenza lokali dan il-ġeneru mużikali bis-sehem ta' whud mill-aqwa esponenti internazzjonali ta' fama flimkien ma' mużiċisti lokali ta' kalibru.

Fis-snin li għaddew, il-Malta Jazz Festival ħoloq impatt fuq ix-xena mużikali lokali. L-edizzjoni tal-2009 reġġgħet lura għall-għeruq puri tal-jazz kif ukoll għal-lokazzjoni oriġinali f'andament storiku li joffri Ta' Liesse fil-Port il-Kbir.

Propju f'dik is-sena, id-direzzjoni artistika kienet f'idejn Sandro Zerafa, kitarrist per eċċellenza f'dan il-qasam li llum jgħix Parigi. Dan kompla fuq ix-xogħol siewi li kien sawwar il-mużiċist Charles 'City' Gatt, dak li fl-1990 kien oriġina dan il-festival għall-ewwel darba.

Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-Malta Jazz Festival kellu l-opportunità li jilqa' bosta ġganti kbar, fosthom Joe Zawinul, Chick Corea, Mike Stern, John Scofield, Diana Krall, Brecker Brothers, Michel Petrucciani, Al di Meola, Tuck & Patti, Herbie Hancock, Joao Bosco, Yellowjackets, Michel Camilo u Wayne Shorter, u Brad Mehldau Trio.





*(Fuq): Charles 'City' Gatt, missier il-festival tal-Jazz f'Malta, ritratt ta' Joe Smith. (Lemin): Gerald Clayton*

# Clinton Paul joħroġ żewġ *singles*



Clinton Paul għadu kif ħareġ żewġ *singles* ġodda mill-album il-ġdid li qed jaħdem fuqu bħalissa, li mistenni joħroġ f'Ġunju li ġej. Fl-20 ta' Frar, Clinton Paul għalaq 30 sena u għal din l-okkażjoni ddeċieda li jniedi ż-żewġ diski li jmiss bl-isem ta' *Amazing* u *Birthday*.

Dwar dan l-album, Clinton Paul jikkummenta hekk: "Hu album mimli attitudni pożittiva. Hu kompletament differenti mill-ewwel wieħed li ħriġt. Illum il-ġurnata nista' ngħid li qed nara l-ħajja b'mod differenti milli kif kont naraha xi snin ilu. Għalhekk irrid li kull *song* li hemm fuq dan l-album tagħti dik il-pożittività lil min ha jisimagħha."

*Birthday* u *Amazing* jistgħu jinxtraw mis-siti iTunes, Amazon, Rhapsody, Emusic, CDBaby u oħrajn. Wieħed jista' jisma' dawn iż-żewġ diski fuq is-sit *www.clintonpaul.com.*

# FellowFish iniedi l-album debuttanti

FellowFish, wieħed mill-aktar *bands* interessanti, qed iniedi l-album debuttanti li jġib l-istess isem tal-band, 'FellowFish'. FellowFish hu ffurmat minn tliet mużiċisti bravi minn Għawdex – is-*songwriter* Keith Anthony (vokalista) li hu magħruf ukoll għas-suċċess li kiseb ma' Chasing Pandora; Christophe Ladret (perkussjoni) u Kristian Vella (Kitarra).

F'dan l-album, li kien rekordjat f'Għawdex stess f'Noise Studios, it-tliet mużiċisti jikkollaboraw ma' numru ta' mużiċisti oħra, li jkompli jagħmel dan il-materjal aktar interessanti.

FellowFish joffri element oriġinali għax-xena mużikali alternata. It-tliet elementi għandhom karattri differenti u influwenzi mużikali diversi mħallta bejn il-folk, pop, funk, metal u blues li jinkorporawhom fil-ħsejjes u fl-oriġinalità tagħhom. It-tlieta ġejjin minn ambjent differenti. Kristian hu mill-Belt filwaqt li Christophe u Keith ġejjin minn Lyon fi Franza u New York rispettivament.

Meta t-trio jkun qed jinterpreta t-*tracks* tiegħu, jippreferu li jwasslu fuq temp aktar ħaj bi spirtu mexxej aktar minn dak li wieħed isib rekordjat fl-album.

Kelli l-opportunità li nisma' din il-*band* aktar minn darba, sew fit-Teatru Manoel u anki fil-Hard Rock Rising 2012 fejn kien impressjona mhux bil-ftit. L-esperjenzi diversi ta' Christophe fil-*world music* u l-kumplessività f'ritmi, jelabora l-mużika u jagħti kulur aktar alternat.

Min-naħa l-oħra Kristian, li kien aktar mixħut fuq il-metal u r-rock klassiku, jagħti aktar grinta lill-ħoss u lis-*songwriting* sofistikat ta' Keith Anthony.

Wara bosta xhur idoqqu u jikkunsidraw dan il-proġett, l-album ta' FellowFish jiġbor *songs* li jitkellmu fuq il-ħajja, l-imħabba u dak kollu li jagħmlu d-dinja ddur. Jikkonfermaw il-kwalitajiet mużikali ta' FellowFish huma s-*singles* diġà maħruġa u *songs* oħra fir-repertorju tiegħu, fosthom *Ordinary Madness* li għandha *video* eċċellenti li f'mumenti joħroġ l-identità rurali Maltija, *The Outlaw*, is-*song Coffee, Kisses and Cigarette*, u s-*single* ġdida *Happiness?* kanzunetta ballabbli b'ħoss akustiku li qed tikkombina mal-ħruġ ta' dan l-album.

*FellowFish* jista' jinxtara b'format diġitali minn fuq is-sit *www.fellowfish.bandcamp.com* jew CD minn Organika jew Sound and Vision f'Għawdex jew b'kuntatt dirett mal-membri tal-*band* fuq il-paġna tal-*facebook* li tagħti wkoll tagħrif dwar il-*gigs* li se tagħmel il-*band* fil-ġimgħat li ġejjin.